**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti Istruttorja

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Nru:**
**459/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**Lawrence Spiteri**

**Illum 14 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Lawrence Spiteri ta' 40 sena, iben Carmelo Spiteri u Pauline nee' Hili, imwieled nhar il-05 ta' Jannar 1981 ġewwa l-Pieta' u residenti ġewwa Bini tal-Gvern BLK2, Fl.1 Triq il-Merkanti, Valletta u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru: 0044281M

Akkużat talli:

Nhar il-15 ta' Mejju 2021 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f' diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b' riżoluzzjoni waħda

1. Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu u cioe' Graziella Bellizzi, li tiġi ukoll omm l-erba' uliedu Spiteri Xenor, Spiteri Keene, Spiteri Haze u Spiteri Elik, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b' od li messu kien taf li kien qed ikun tali u li ta fastidju sar b' mod li jammontagħal segwiment ta' persuna bil-moħbi;

U iktar talli fl-istess dati u ċirkostanzi:

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li ġiegħel lill-eks sieħba tiegħu Graziella Bellizzi li jagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band' oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal- provokazzjoni.

4. Insulenta, ħedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-eks sieħba tiegħu Graziella Bellizzi.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' Graziella Bellizzi u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Lawrence Spiteri b' obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta'somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-piena stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmi Lawrence Spiteri sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il- każ, kif provdud fl-Artikolu 533 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat nhar il-25 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe':

- Certifikat tat-Twelid tal-imputat
- Fedina Penali tal-imputat
- Okkorrenza
- Stqarrija tal-Imputat datata 9 ta' Ġunju 2022
- Rinunzja ghall-jedd tal-parir legali.

Rat li l-Uffiċċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qrat u ikkonfermat bil-ġurament l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 25 ta' Mejju 2022.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u kif reġistrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar l-14 ta' Ġunju 2022.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tieghu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni għal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni ċara u inekwivoka u bikrija tal-imputat, u għalhekk il-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed żmien sabiex tisma' iktar provi.

**Decide:**

**Il-Qorti għalhekk fuq ammissjoni ta' l-imputat Lawrence Spiteri u wara li rat l-Artikoli 251AA(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(iv)(v), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Lawrence Spiteri ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u timponi ordni ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa żmien sitt (6) xhur mil-lum, u timponi wkoll ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett (3) snin mil-lum fejn il-persuna protetta hija dik ta' Graziella Bellizzi.**

**Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.**

**Il-Qorti qed tibgħat l-atti flimkien ma' din is-sentenza lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Liġi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**